# 85. Il-Kanċell

Bil-lejl
Fid-dawl tal-qamar
jingħaddu waħda waħda
il-virgi tal-kanċell
li jifred
iċ-ċimiterju
mit-trejqa tan-namrati
mimlija bil-karozzi.
Fid-dawl tal-qamar
hemm tikka sewda ttir...
farfett-il-lejl...
daqqa
’il ġewwa mill-kanċell
ilaqqat in-nemus
minn fuq erba’ kadavri
li gdim ma jħossu xejn
minħabba l-mewt,
u daqqa
’il barra mill-kanċell,
ilaqqat in-nemus
minn madwar in-namrati
li gdim ma jħossu xejn
minħabba l-għors
li qegħdin fih.

13/6/1973